Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' April, 2003

Talba Numru. 253/2003

**Attard Blue Mix Concrete Supplies Co. Limited**

**vs**

**Joseph Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm1,368.18) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' materjal mibjugh lillkonvenut mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Tanya Sammut in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm1,368.18), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------